MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2011

Numru. 1310/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Fabian Fleri]**

**vs**

**Francesca Bianco**

Kumpilazzjoni Numru 1310/2010

**Illum 07 ta’ Frar, 2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Francesca Bianco ta’ 53 sena, bint Anthony Busuttil u Teresa nee Fenech, imwielda Zejtun, nhar is-7 ta’ Gunju, 1957 u residenti fil-fond numru Flat 6, Blokk G, Qasam Hal

Tmiem, Zejtun u detentrici tal-karta ta’ l-identita bin-numru 400557(M).

Akkuzata talli nhar il-15 ta’ Novembru, 2010, ghall-habta ta’ 18:30hrs, gewwa Triq l-Iskal, Marsakskala volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe’ ghamlet hsara f’vettura bin-numru EBH 693 ta’ ghamla Merecedes, liema hsarat huma ta’ aktar minn 1164.70 Euros (hames mitt lira maltija) ghad-dannu ta’ William Farrugia.

Rat l-artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi mid-depozizzjoni tal-parte leza William Farrugia jirrizulta li d-danni sofferti minnu fil-vettura bhala rizultat ta’l-incident mertu ta’ dawn il-proceduri fir-realta ma jammontawx ghal aktar minn €116.

Illi in oltre huwa rrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta’l-imputata u ddikjara li m’ghandux interess f’dawn il-proceduri.

Illi in vista tal-fatt li l-hsara sofferta mill-parte leza issa qed tirrizulta li hija ta’ anqas minn €116 l-artikolu tal-Ligi applikabbli huwa 325(1)(c) tal-Kapitolu 9; dan ifisser li l-azzjoni hija proponibbli bi kwerela tal-parte leza li da parti tieghu rrinunzja ghall-azzjoni kriminali.

Ghal dawn il-motivi, u in vista tar-rinunzja tal-parte leza, il-Qorti tiddikjara l-procediment ezawriet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------